

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1790**tas-16 ta' Novembru 2018****li tħassar id-Deċiżjoni 2002/623/KE li tistabbilixxi noti ta' gwida dwar l-istudju tar-riskju ambjentali tal-organiżmi ġenetikament modifikati***(notifikata bid-dokument C(2018) 7513)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Anness II tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/623/KE ⁽²⁾ stabbilixxiet noti ta' gwida dwar l-oġġettivi, l-elementi, il-prinċipji ġenerali u l-metodoloġija tal-istudju tar-riskju ambjentali msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE.
- (2) Ingħataw spjegazzjonijiet addizzjonali estensivi dwar l-implimentazzjoni tal-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE f'dokumenti ta' gwida aktar reċenti u aktar dettaljati dwar l-istudju tar-riskju ambjentali tal-organiżmi ġenetikament modifikati ("OĠM") adottati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("l-Aġenzija"). Wara l-adozzjoni ta' daww id-dokumenti aktar dettaljati, id-Deċiżjoni 2002/623/KE progressivament tilfet il-valur miżjud tagħha.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/350 ⁽³⁾, li emendat id-Direttiva 2001/18/KE, aġġornat l-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE billi inkorporat u bbażat ruħha fuq il-gwida msaħħa tal-Awtorità dwar l-istudju tar-riskju ambjentali tal-pjanti ġenetikament modifikati, adottat f'Ottubru 2010 ⁽⁴⁾, filwaqt li qieset li l-Anness II japplika għall-OĠM kollha u mhux biss għall-pjanti ġenetikament modifikati. Id-Deċiżjoni 2002/623/KE innifisha serviet bħala bażi għall-elaborazzjoni tal-gwida tal-Awtorità. Bħala riżultat, id-dispożizzjonijiet tal-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE issa huma aktar dettaljati u n-noti ta' gwida stabbiliti bid-Deċiżjoni 2002/623/KE ma għadhomx meħtieġa.
- (4) Għaldaqstant id-Deċiżjoni 2002/623/KE jenħtieġ li titħassar.
- (5) Id-Deċiżjoni 2002/623/KE jenħtieġ ukoll li titħassar fl-interess tas-simplifikazzjoni sabiex jitnaqqas in-numru ta' dokumenti ta' gwida li jridu jitqiesu mill-operaturi u mill-awtoritajiet kompetenti meta jitwettaq studju tar-riskju ambjentali skont l-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaaqqaf skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2001/18/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2002/623/KE hija mħassra.

⁽¹⁾ ĠUL 106, 17.4.2001, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/623/KE tal-24 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi noti ta' gwida biex jissupplimentaw l-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠUL 200, 30.7.2002, p. 22).⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/350 tat-8 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istima tar-riskju ambjentali ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠUL 67, 9.3.2018, p. 30).⁽⁴⁾ Il-Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM); Gwida dwar l-istudju tar-riskju ambjentali tal-pjanti ġenetikament modifikati. EFSA Journal 2010;8(11):1879. [111 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1879

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni
